**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Novembru 2020**

Rikors Numru: 283/20 AL

A B

vs

C D

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fit-tlettax (13) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) fl-Oratorju taż-Żejtun u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A".

2. Illi l-partijiet ilhom separati sa' mis-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness bħala "Dokument B" li sar fl-atti tan-Nutar Dorianne Arapa;

3. Illi għalhekk il-partijiet ilhom aktar minn erba' (4) snin separati.

4. Illi l-partijiet ma kellhomx tfal;

5. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli gal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin

6. Illi ma hemm l-ebda arretrati f' manteniment dovuti.

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat fit-tlettax (13) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015).

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijeit biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata a fol 21 li permezz tagħha esponiet:

1. Illi l-esponenti ġiet notifikata bir-rikors għall-ħall taż-żwieġ fl-ismijiet fuq premessi u konformement mad-digriet ta' din il-Qorti tal-14 ta' Settembru 2020 qiegħda tressaq l-odjerna risposta, kif ġej:

   i. Illi l-esponenti taqbel mal-premessi esposti mir-rikorrenti;

   ii. Illi l-esponenti taqbel mal-attur illi m'hemm ebda prospett għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

   iii. Illi l-esponenti taqbel illi m'hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti bejniethom;

   iv. Illi fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż, dawn għandhom jitħallsu miż-żewġ partijiet b'mod ġust bejniethom;

   v. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponent taderixxi mat-talba tar-rikorrent sabiex din il-Qorti tordna l-ħall ta' dan iż-żwieġ. In sostenn tas-suespost, l-esponenti qed tippreżenta wkoll affidavit tagħha (Dok. A)

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Settembru, 2020;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz tagħha m'oġġezzjonatx ghat-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Lulju, 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.